**L-Eżami ta' Nofs is-Sena Tas-Sitt Sena Primarja**

# IL-MALTI: IS-SMIGĦ

**Ħin: 30 minuta**

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

Merħba tfal!

Matul is-sezzjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżercizzji se naqrahomlok darbtejn. Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġna 2.

**[pawża ta' 10 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

**[pawża ta' 25 sekonda]**

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**[L-Ewwel Silta]**

Darba waħda xi ħadd rema qasrija bi ftit ħamrija u zokk. Issa, iz-zokk kien ta' xitla tal-ward, u dan kellu ħafna għatx għax sidtu ma kinitx tagħti kasu. Anzi kienet tefegħtu f'rokna fil-ġnien u nsietu, sakemm għodwa waħda bdiet tarmi l-imbarazz li kien hemm fil-ġnien, u x-xitla tal-ward sabet ruħha mormija wkoll.

Ix-xemx bdiet tiżreġ u l-ħamrija kompliet tixxotta aktar. Fl-aħħar iz-zokk ma felaħx aktar, ħassu qed jifga u beda jibki. Dak il-ħin kien inzerta għaddej tifel u sema' liz-zokk jibki. Simon beda jħares 'l hemm u 'l hawn biex jara min kien qiegħed jibki. Fl-aħħar għajnejh waqgħu fuq iz-zokk.

"Xi ġralek?" staqsieh Simon.

"Għandi ħafna għatx," qallu minnufih iz-zokk.

"Ara, kumbinazzjoni llum ma xrobtux kollu l-ilma. Nista' nagħtik li fadalli," qallu Simon. Hu fetaħ il-basket u ħareġ flixkun nofsu mimli. Imbagħad saqqa liz-zokk. Iz-zokk reġa' beda jħossu qiegħed jieħu l-ħajja, u seta' jieħu nifs normali.

"Grazzi ħafna," qallu z-zokk.

"Ħaġa żgħira," qallu Simon.

"Għalija mhix daqshekk żgħira. Li kieku ma kontx int għalija, kont immut waħdi bil-mod il-mod," qallu z-zokk. (Silta meħudha mill-ktieb ta' Natalie Portelli bl-isem 'Il-Fatatina Tal-Istilel... u ħrejjef oħra."

**Issa se naqralek taħriġ A.**
Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (X) fil-kaxxa t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
Darba waħda xi ħadd rema rota. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx? Din **Falz.** Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Falz.**

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn:**
Iz-zokk kien ta' xitla tal-ward. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta:**
Għodwa waħda bdiet tarmi l-imbarazz li kellha fil-kċina. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa:**
Simon kien ġej minn logħba futbol. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa:**
Iz-zokk ma felaħx iktar bil-għatx u qabad jibki. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta:**
Din is-silta hija meħudha minn ktieb ta' Trevor Żahra. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B fuq paġna 3.**

Qabbel kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.

F'kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:
**Xi ħadd rema qasrija ……**

F'kolonna B din is-sentenza tkompli…..
**bi ftit ħamrija u zokk.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha. Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
**Xi ħadd rema qasrija bi ftit ħamrija u zokk..**

Issa se naqralek **Kolonna A** u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Ix-xemx bdiet tiżreġ…. |
| Numru tlieta: | Inzerta kien għaddej tifel…. |
| Numru erbgħa: | Simon fetaħ il-basket…. |
| Numru ħamsa: | Iz-zokk reġa' beda…. |
| Numru sitta: | Li ma kienx Simon…. |

Issa se naqralek **Kolonna B**:
….u sema' liz-zokk jibki.
….jħossu jieħu l-ħajja.
….bi ftit ħamrija u zokk.
….iz-zokk kien imut.
….u ħareġ flixkun nofsu mimli.
….u l-ħamrija kompliet tixxotta.

**[pawża ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb]**

Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzju.

Darba waħda xi ħadd rema qasrija bi ftit ħamrija u zokk. Issa, iz-zokk kien ta' xitla tal-ward, u dan kellu ħafna għatx għax sidtu ma kinitx tagħti kasu. Anzi kienet tefegħtu f'rokna fil-ġnien u nsietu, sakemm għodwa waħda bdiet tarmi l-imbarazz li kien hemm fil-ġnien, u x-xitla tal-ward sabet ruħha mormija wkoll.

Ix-xemx bdiet tiżreġ u l-ħamrija kompliet tixxotta aktar. Fl-aħħar iz-zokk ma felaħx aktar, ħassu qed jifga u beda jibki. Dak il-ħin kien inzerta għaddej tifel u sema' liz-zokk jibki. Simon beda jħares 'l hemm u 'l hawn biex jara min kien qiegħed jibki. Fl-aħħar għajnejh waqgħu fuq iz-zokk.

"Xi ġralek?" staqsieh Simon.

"Għandi ħafna għatx," qallu minnufih iz-zokk.

"Ara, kumbinazzjoni llum ma xrobtux kollu l-ilma. Nista' nagħtik li fadalli," qallu Simon. Hu fetaħ il-basket u ħareġ flixkun nofsu mimli. Imbagħad saqqa liz-zokk. Iz-zokk reġa' beda jħossu qiegħed jieħu l-ħajja, u seta' jieħu nifs normali.

"Grazzi ħafna," qallu z-zokk.

"Ħaġa żgħira," qallu Simon.

"Għalija mhix daqshekk żgħira. Li kieku ma kontx int għalija, kont immut waħdi bil-mod il-mod," qallu z-zokk. (Silta meħudha mill-ktieb ta' Natalie Portelli bl-isem 'Il-Fatatina Tal-Istilel... u ħrejjef oħra."

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

**Issa se naqralek taħriġ A.**
Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (X) fil-kaxxa t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
Darba waħda xi ħadd rema rota. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx? Din **Falz.** Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Falz.**

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn:**
Iz-zokk kien ta' xitla tal-ward. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta:**
Għodwa waħda bdiet tarmi l-imbarazz li kellha fil-kċina. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa:**
Simon kien ġej minn logħba futbol. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa:**
Iz-zokk ma felaħx iktar bil-għatx u qabad jibki. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta:**
Din is-silta hija meħudha minn ktieb ta' Trevor Żahra. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B.**

**Se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Qabbel kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.

F'kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:
**Xi ħadd rema qasrija ……**

F'kolonna B din is-sentenza tkompli…..

**bi ftit ħamrija u zokk.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha. Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
**Xi ħadd rema qasrija bi ftit ħamrija u zokk..**

Issa se naqralek **Kolonna A** u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Ix-xemx bdiet tiżreġ…. |
| Numru tlieta: | Inzerta kien għaddej tifel…. |
| Numru erbgħa: | Simon fetaħ il-basket…. |
| Numru ħamsa: | Iz-zokk reġa' beda…. |
| Numru sitta: | Li ma kienx Simon…. |

Issa se naqralek **Kolonna B**:
….u sema' liz-zokk jibki.
….jħossu jieħu l-ħajja.
….bi ftit ħamrija u zokk.
….iz-zokk kien imut.
….u ħareġ flixkun nofsu mimli.
….u l-ħamrija kompliet tixxotta.

**[pawża ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb]**

**Issa għandek minuta biex tiċċekkja Taħriġ A u Taħriġ B.**

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.** Issa ngħaddu għat-tieni silta.

Nitolbok issib paġna 4 u 5.

**[pawża ta' 5 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

**[pawża ta' 45 sekonda]**

Tajjeb. Mela issa se nibdew it-Tieni Silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**[It-Tieni Silta]**

**FATATU JMUR L-ISKOLA**

L-għalliema qalet, "Min iġib is-somom kollha tajbin, nagħtih ktieb żgħir." Fatatu beda jara x'se jivvinta biex il-ħabiba tiegħu Dora tirbaħ il-ktieb hi. Dora kienet ħafifa biex tikteb u f'ħin qasir ikkuppjat is-somom kollha. Fatatu malajr ġieh ħsieb f'moħħu. Malli ra li Dora kienet diġa kkuppjathom, resaq lejn il-bord u ħassar l-aħħar tliet sommiet. Ħadd ma rah, lanqas Dora għax kulħadd kien mitluf rasu 'l isfel jaħdem is-somom. Iżda hekk kif beda jdur mat-tfal, induna li kien hemm waħda tifla li kienet laħqet ikkuppjat is-somom kollha bħal Dora. Ried jara kif ħa jtellifha l-ħin ħalli ma tilħaqx tlesti kollox. Fatatu mar ħdejha u waqqgħalha l-gomma mal-art. It-tifla waqfet u tbaxxiet biex tiġborha. Sadattant Fatatu ħadilha l-lapes isfar bl-iswed u mar poġġieh fuq il-mejda tal-għalliema. Meta t-tifla qamet biex tkompli taħdem is-somom, il-lapes ma sabitux. Għalhekk għolliet subgħajha biex tkellem lill-għalliema.

"Miss xi ħadd ħadli l-lapes," qalet it-tifla. L-għalliema ħarset madwarha biex forsi tara tilmħux għand xi ħadd. Meta bla ma riedet, ħarset fuq il-mejda tagħha u rat il-lapes li qaltilha bih it-tifla.

"Dan hu l-lapes tiegħek?" staqsietha l-għalliema waqt li qabditu u għollietu ħalli tarah.

"Iva Miss, imma dak kif ġie hemm?"

"Issa jien naf, naħseb rabba s-saqajn," qaltilha waqt li qamet u marret tagħtihulha ħalli tkompli.

"Nispera li m'hawnx il-fatati hawn ġew," bdiet tgerger l-għalliema waqt li kienet sejra lura f'postha.

Fatatu nfexx jidħak kemm jiflaħ għax b'hekk tellfilha biżżejjed ħin biex ma tilħaqx tlesti. Iżda biex ikun ċert li l-ktieb kienet se tirbħu Dora, ġietu idea oħra. Mar ħdejn it-tifla u reġa' waqqgħalha l-gomma. Din reġgħet tbaxxiet biex tiġborha u minnufih, Fatatu qabad il-lapes, u f'waħda mis-somom li kellha riżultat ta' mija u għoxrin, għamel sinjal mimdud mal-wieħed tal-mija u r-riżultat ġie seba' mija u għoxrin. It-tifla ma ndunatx u għalhekk, Fatatu kellu rasu mistrieħa li jekk tilħaq tlesti kollox, l-għalliema se ssibilha waħda ħażina żgur. Kif għadda l-ħin, l-għalliema ġabret il-pitazzi u wara li kkoreġiethom qaltilhom, "Qatt ma bsart li minn klassi ta' għoxrin, waħda biss irnexxielha ġġib kollox tajjeb. Prosit Dora, l-oħrajn ħallejtu l-aħħar tlieta barra. U int," kompliet tgħid l-għalliema lit-tifla li kienet tilfet il-lapes, "għamilt żball oħxon, tista' tgħidli kif ħamsin u sebgħin ġibthom seba' mija u għoxrin?"

L-għalliema għajtet lil Dora biex tagħtiha l-premju. Pero Dora ndunat li kien xogħol Fatatu u hekk kif kienet sejra lura f'postha, tgħidx kemm ħarsitlu bl-ikrah għall-praspura li kien għamel.

(silta adattata mill-ktieb 'Fatatu Jmur L-iskola' ta' Marika Mamo).

**[pawża ta' 3 sekondi]**

Ħalli nibdew minn **Taħriġ A**.

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

*L-għalliema qalet li min iġib is-somom kollha tajbin tagħtih:*
*a) ktieb żgħir.*
*b) gomma u lapes.*
*ċ) ktieb kbir.*

Issa, inti smajt li l-għalliema qalet li se tagħtih ktieb żgħir. Mela t-tajba hija **a**.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru wieħed**
Dora kienet:
a) tikteb bil-mod.
b) ħafifa biex tikteb.
ċ) tikteb irqiq.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
Fatatu ħassar:
a) l-ewwel tliet sommiet.
b) l-aħħar somma.
ċ) l-aħħar tliet sommiet.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
'Naħseb rabba s-saqajn' fis-silta tfisser:
a) mar waħdu fuq il-mejda tal-għalliema.
b) mar jiġġoggja fil-bitħa tal-iskola.
ċ) mar mixja twila ħalli jaħli l-enerġija.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
Biex itellef lit-tifla, Fatatu:
a) waqqgħalha l-gomma mal-art.
b) waqqgħalha l-lapes.
ċ) ġebdilha xagħarha.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
*Il-kulur tal-lapes kien:*
a) iswed bl-aħdar.
b) isfar bl-iswed.
ċ) aħdar bl-isfar.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

**L-ewwel mistoqsija**
*X'kien jisimha l-ħabiba ta' Fatatu?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
*Kemm ġie r-riżultat tas-somma wara li Fatatu żied sinjal mimdud mal-wieħed tal-mija?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
*Kemm kien hemm tfal fil-klassi?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
*X'kelma użat l-għalliema biex tiddeskrivi l-iżball kbir tat-tifla?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Il-ħames mistoqsija**
*Fatatu kellu rasu* _________ *li jekk it-tifla tlesti kollox, l-għalliema se ssibilha waħda ħażina żgur.*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb]**

Issa se nerġa' naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.
Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**[Tinqara t-tieni silta għat-tieni darba]**

**FATATU JMUR L-ISKOLA**

L-għalliema qalet, "Min iġib is-somom kollha tajbin, nagħtih ktieb żgħir." Fatatu beda jara x'se jivvinta biex il-ħabiba tiegħu Dora tirbaħ il-ktieb hi. Dora kienet ħafifa biex tikteb u f'ħin qasir ikkuppjat is-somom kollha. Fatatu malajr ġieh ħsieb f'moħħu. Malli ra li Dora kienet diġa kkuppjathom, resaq lejn il-bord u ħassar l-aħħar tliet sommiet. Ħadd ma rah, lanqas Dora għax kulħadd kien mitluf rasu 'l isfel jaħdem is-somom. Iżda hekk kif beda jdur mat-tfal, induna li kien hemm waħda tifla li kienet laħqet ikkuppjat is-somom kollha bħal Dora. Ried jara kif ħa jtellifha l-ħin ħalli ma tilħaqx tlesti kollox. Fatatu mar ħdejha u waqqgħalha l-gomma mal-art. It-tifla waqfet u tbaxxiet biex tiġborha. Sadattant Fatatu ħadilha l-lapes isfar bl-iswed u mar poġġieh fuq il-mejda tal-għalliema. Meta t-tifla qamet biex tkompli taħdem is-somom, il-lapes ma sabitux. Għalhekk għolliet subgħajha biex tkellem lill-għalliema.

"Miss xi ħadd ħadli l-lapes," qalet it-tifla. L-għalliema ħarset madwarha biex forsi tara tilmħux għand xi ħadd. Meta bla ma riedet, ħarset fuq il-mejda tagħha u rat il-lapes li qaltilha bih it-tifla.

"Dan hu l-lapes tiegħek?" staqsietha l-għalliema waqt li qabditu u għollietu ħalli tarah.

"Iva Miss, imma dak kif ġie hemm?"

"Issa jien naf, naħseb rabba s-saqajn," qaltilha waqt li qamet u marret tagħtihulha ħalli tkompli.

"Nispera li m'hawnx il-fatati hawn ġew," bdiet tgerger l-għalliema waqt li kienet sejra lura f'postha.

Fatatu nfexx jidħak kemm jiflaħ għax b'hekk tellfilha biżżejjed ħin biex ma tilħaqx tlesti. Iżda biex ikun ċert li l-ktieb kienet se tirbħu Dora, ġietu idea oħra. Mar ħdejn it-tifla u reġa' waqqgħalha l-gomma. Din reġgħet tbaxxiet biex tiġborha u minnufih, Fatatu qabad il-lapes, u f'waħda mis-somom li kellha riżultat ta' mija u għoxrin, għamel sinjal mimdud mal-wieħed tal-mija u r-riżultat ġie seba' mija u għoxrin. It-tifla ma ndunatx u għalhekk, Fatatu kellu rasu mistrieħa li jekk tilħaq tlesti kollox, l-għalliema se ssibilha waħda ħażina żgur. Kif għadda l-ħin, l-għalliema ġabret il-pitazzi u wara li kkoreġiethom qaltilhom, "Qatt ma bsart li minn klassi ta' għoxrin, waħda biss irnexxielha ġġib kollox tajjeb. Prosit Dora, l-oħrajn ħallejtu l-aħħar tlieta barra. U int," kompliet tgħid l-għalliema lit-tifla li kienet tilfet il-lapes, "għamilt żball oħxon, tista' tgħidli kif ħamsin u sebgħin ġibthom seba' mija u għoxrin?"

L-għalliema għajtet lil Dora biex tagħtiha l-premju. Pero Dora ndunat li kien xogħol Fatatu u hekk kif kienet sejra lura f'postha, tgħidx kemm ħarsitlu bl-ikrah għall-praspura li kien għamel.

(silta adattata mill-ktieb 'Fatatu Jmur L-iskola' ta' Marika Mamo).

**Issa ħa nerġa' naqralek Taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

*L-għalliema qalet li min iġib is-somom kollha tajbin tagħtih:*
*a) ktieb żgħir.*
*b) gomma u lapes.*
*ċ) ktieb kbir.*

Issa, inti smajt li l-għalliema qalet li se tagħtih ktieb żgħir. Mela t-tajba hija **a**.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru wieħed**
Dora kienet:
a) tikteb bil-mod.
b) ħafifa biex tikteb.
ċ) tikteb irqiq.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
Fatatu ħassar:
a) l-ewwel tliet sommiet.
b) l-aħħar somma.
ċ) l-aħħar tliet sommiet.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
'Naħseb rabba s-saqajn' fis-silta tfisser:
a) mar waħdu fuq il-mejda tal-għalliema.
b) mar jiġġoggja fil-bitħa tal-iskola.
ċ) mar mixja twila ħalli jaħli l-enerġija.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
Biex itellef lit-tifla, Fatatu:
a) waqqgħalha l-gomma mal-art.
b) waqqgħalha l-lapes.
ċ) ġebdilha xagħarha.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
*Il-kulur tal-lapes kien:*
a) iswed bl-aħdar.
b) isfar bl-iswed.
ċ) aħdar bl-isfar.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa ħa nerġa' naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

**L-ewwel mistoqsija**
*X'kien jisimha l-ħabiba ta' Fatatu?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
*Kemm ġie r-riżultat tas-somma wara li Fatatu żied sinjal mimdud mal-wieħed tal-mija?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
*Kemm kien hemm tfal fil-klassi?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
*X'kelma użat l-għalliema biex tiddeskrivi l-iżball kbir tat-tifla?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Il-ħames mistoqsija**
*Għaliex it-tifla ħarsitlu bl-ikreh lil Fatatu hi u sejra lura f'postha?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb]**

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**
**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**
**Saħħa!**